MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2011

Numru. 34/2009

**Illum 20 ta' Ottubru 2011**

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Felice Delia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Felice Delia maghruf ahjar bhala *L-Lantas* ta' 43 sena, bin Emmanuel u l-mejta Rita nee' Bugelli, imwieled Haz-Zabbar, fil-21 ta' Gunju, 1965, residenti fil-

fond : Nru. 30, Triq id-Dejqa, Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 307765(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

A) Nhar l-20 ta' Settembru, 2008 ghal habta tal-5.00 ta' wara nofsinhar, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, bi vjolenza u b'theddid gieghel lill-kuntistabbli tal-Pulizija 941 Mario Schembri u ufficjali ohra tal-Pulizija, bhala ufficjali Pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom.

B) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l-persuna tal-kuntistabbli tal-Pulizija 941 Mario Schembri, bhala persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienet qed tagixxi fl-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' Ordni moghti skond il-Ligi mill-Awtorita' kompetenti.

C) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-kuntistabbli tal-Pulizija 941 Mario Schembri u ufficjali ohra tal-Pulizija, bhala persuni ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjomi ta' dak is-servizz.

D) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, volontarjament, ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-kuntistabbli tal-Pulizija 941 Mario Schembri, bhala persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi minn awtorita' kompetenti, skond kif iccertifikat minn Dr. Jesmond Cassar M.D. mic-Centru tas-sahha ta' Rahal Gdid.

E) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, ma obdiex l-ordnijiet

Legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz Pubbliku, jew ma halliehx jew fixkel waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

F) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, ikkawza hsara volontarja cioe' billi qatta parti mill-uniformi tal-kuntistabbli tal-Pulizija 941 Mario Schembri, liema hsara teccedi l-Lm10 (€23.29) izda mhux izjed minn Lm50 (€116.47), ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

G) Barra minn dan akkuzat ukoll talli, fl-istess cirkustanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, volontarjament kiser il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b'ghajjat u glied.

H) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, qal kliem oxxen, indecenti u dagha.

I) Barra minn dan, akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza'.

Sar recidiv ai termini ta' l-art. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika ukoll l-art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-art 412(C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Jannar 2009 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2010 l--imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu hekk kif registrata waqt l-udjenza tat-28 ta' Lulju 2011.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtha zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-mputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat illi meta ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar il-piena applikabbli l-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu li l-imputat prezentement jinsab taht kura psikjatrika fl-Isptar Monte Carmeli  u li gie riskontrat progress kbir mit-tobba li qed jikkurah. Il-Qorti jidrilha li f'dawn ic-cirkostanzi m'ghandhiex tiddisturba dan

il-process ta’ progress billi timponi piena karcerarja izda sejra minflok tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation sabiex b’hekk huwa jkompli jinghata ghajnuna ulterjuri sabiex jirrisolvi l-problemi tieghu darba ghal dejjem u jidrilha li dan ikun mhux biss a beneficcju tieghu izda anki tas-socjeta’ in generali sabiex incidenti bhal dawk li taghhom l-imputat qed jinstab hati ma jergghux jirrepetu ruhhom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 91, 95, 96, 221, 338(ee), 325(1)(c), 338(dd), 338(bb) u 251B tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel Ordni ta’ P*robation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati Felice Delia taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum u taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ tlett (3) snin Felice Delia ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.
2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Felice Delia kull sitt (6) xhur bil-miktub.
3. Felice Delia ghandu javza mmedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.
4. Felice Delia ghandu jkompli jiehu l-kura mehtiega fl-Isptar Monte Carmeli u joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mit-tobba li qed jikkurawh.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car l-effett ta’ din l-Ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Krimonali
Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.

**Illum 20 ta' Ottubru 2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Felice Delia**

ORDNI TA' PROBATION
(Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta)

Seduta tal-llum 20 ta' Ottubru 2011;

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi Felice Delia gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett(3) snin millum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation.

Wara li fissret bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inkluz l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap.446) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' tlett snin(3), ikun jista' jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qieghda tigi maghmula din l-ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation.

Ghalhekk tordna li l-imsemmi Felice Delia maghruf ahjar bhala *L-Lantas* ta' 43 sena, bin Emmanuel u l-mejta Rita nee' Bugelli, imwieled Haz-Zabbar, fil-21 ta' Gunju, 1965, residenti fil-fond : Nru. 30, Triq id-Dejqa, Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 307765(M) jitqieghed

taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett(3) snin millum taht dawn il-kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tlett (3) snin Felice Delia ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Felice Delia kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Felice Delia ghandu javza mmedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Felice Delia ghandu jkompli jiehu l-kura mehtiega fl-SIptar Monte Carmeli u joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mit-tobba li qed jikkurawh.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**Felice Delia**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------